MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 3/1987/1

Citazzjoni numru 3/1987

AIC Joseph P. Dimech

-vs-

Andrew Grech

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur fejn ippremetta illi l-konvenut inkarigat bhala perit in konnessjoni max-xoghlijiet ta’ kostruzzjoni ta’ bini gdid f’Church Street, Nadur;

U illi d-drittijiet professjonali ta’ l-istanti ghax-xoghlijiet fuq imsemmija jammontaw ghal elf u sbatax-il lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1017.40) kif jidher mill-kopja tal-kont hawn annessa u markata Dok. A; liema somma ghadha ma thalsitx.

Talab li din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf u sbatax-il lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1017.40) drittijiet professjonali ta’ xoghlijiet relattivi ghall-kostruzzjoni tal-bini gdid fuq imsemmi.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali min-notifika tac-citazzjoni sal-pagament effettiv.

Il-konvenut jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Andrew Grech fejn eccepixxa:

1. preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta, ai termini ta’ l-Art. 2149(c) tal-Kodici Civili.

2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fil-meritu, l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut, stante li l-attur baqa’ ma kkompletax interament l-inkarigu tieghu.

3. Bla pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet, l-ammont pretiz mill-attur, fi kwalunkwe kaz, huwa fih innifsu inkorrett kemm ghal dawk li huma rati kif ukoll f'dak li huma konteggi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament guramentata kif ukoll il-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda in atti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat ir-relazzjoni ta’ l-abbli Perit Arkitett Joseph Mizzi minnha nominat (fol 147).

Rat is-sentenza preliminari fuq l-ewwel eccezzjoni ta’ din il-Qorti (differentement preseduta - fol 40) u tal-Qorti ta’ l-Appell (fol. 75) li kkonfermat l-ewwel sentenza u cahdet l-eccezzjoni tal-presekrizzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi b’sentenza deciza finalment mill-Qorti ta’ l-Appell fuq l-ewwel eccezzjoni dwar li l-azzjoni hi preskritta, dik l-Onorabbli Qorti, filwaqt li rrigettat din l-eccezzjoni, baghtet l-atti tal-kawza lil din il-Qorti biex tkompli tigi trattata u deciza.

Ghalhekk huwa l-meritu proprju li ser jigi llum deciz fejn l-attur qieghed jiddomanda mill-konvenut li jhalsu l-ammont ta’ elf u sbatax-il lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1017.40) import ta’ drittijiet professjonali konnessi ma’ xoghlijiet ta’ kostruzzjoni ta’ bini gdid fi Triq il-Knisja, Nadur.

Illi meta xehed il-kovnenut quddiem din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta’ Ottubru 1987 (kopja dattilografata tax-xhieda folio 16) hemm rikonoxximent da parti tieghu li hu kien effettivament inkariga lill-attur mhux biss biex jaghmilu l-pjanti u l-appilkazzjonjiet necessarji izda anke biex isiblu l-bennej. F’parti mix-xhieda tieghu hu jghid li: “... il-Perit Dimech kien ghamilli pjanti, applikali ghall-permessi, sabli l-bennejja....” izda sostna li sad-data li fiha xehed il-fond kien ghadu ma tlestix u kien hemm xi difetti. Issa dwar x’kien ghad fadal xoghlijiet biex jitlesta l-fond u x’kienu d-difetti hemm biss r-relazzjoni tal-perit arkitett li gie minn din il-Qorti nominat fl-24 ta’ Jannar 2001 in sostituzzjoni tal-perit arkitett precedenti li f’disa’ snin ma kienx ghadu espleta l-inkarigu.

Illi din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tvarja mill-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit tekniku taghha li jidher kellu ukoll il-fakolta li jezamina x-xhieda li l-partijiet kienu pprezentaw lill-perit tekniku li hu ssostitwixxa. Mill-istess konkluzzjonijiet ghandu jirrizulta wisq car illi l-konvenut ghandu jissokkombi fl-eccezzjonijiet tieghu.

Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihalsu l-ammont ta’ elf sbatax-il lira Maltin u erbghin (Lm1017.40) bl-imghax relattiv mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni li f’kwalsiasi kaz ma jistax jaqbez il-kapital.

L-ispejjez tal-kawza ibatihom il-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------